MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2003

Appell Civili Numru. 909/1991/1

**Joseph Ellul Sullivan ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` Sullivan Shipping Agencies Limited**

**vs**

**Av. Dr. Marco Grixti u l-P.L. Carmen Depasquale b'digriet tal-11 ta' Settembru 1991 nominati kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjeta` estera Naftomar Shipping and Trading Co. Ltd. Inc. Panama, u b'nota tas-7 ta' Jannar 1992 Adrian Mifsud fil-kwalita` tieghu ta' direttur u ghan-nom u**

**in rappresentanza tas-socjeta` S. Mifsud & Sons Ltd. assuma l-atti tal-kawza minflok il-kuraturi deputati sabiex jirrapresenta lis-socjeta` assenti konvenuta Naftomar Trading and Shipping Co. Ltd. Inc. Panama**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>.**

B'citazzjoni tal-14 ta' Awissu, 1991 s-socjeta` attrici wara li ppremettiet li hija kienet giet inkarigata mill-Korporazzjoni EneMalta biex takkwista konsenja ta' Gas LPG skond l-ispecifikazzjonijiet mitluba u kif jirrizulta mill-anness Telex Dokument A; illi ghalhekk in adempiment mat-talbiet tal-Korporazzjoni EneMalta is-socjeta` attrici offriet tali ordni lis-socjeta` estera Azmarine ta' Parigi kif jirrizulta mill-anness telex Dokument B, u wara tali socjeta` irriferiet l-ordni taghha lis-socjeta` konvenuta kif jirrizulta mill-anness telex Dokument C; illi wara l-istess socjeta` Azmarine tramite s-socjeta` Naftomar baghtet telex ohra Dokument D; illi wara s-socjeta` attrici bdiet tinnegozja direttament mas-socjeta` konvenuta anke permezz ta' telefonati u telexes; illi wara l-ahhar offerta ossia t-telex Dok D is-socjeta` attrici ghaddiet l-offerta lis-socjeta` Enemalta kif jirrizulta mit-telex dokument E; illi fil-frattanza il-Korporazzjoni Enemalta hegget lis-socjeta` attrici ghal aktar dettalji tal-bastiment li kellu jintbaghat biex wara tikkonferma l-ordni; illi f'dan l-istadju is-socjeta` attrici cemplet lis-socjeta` konvenuta fejn talbitha d-dettalji kollha tal-bastiment li kellha tibghat, u s-socjeta` konvenuta ippromettiet li kellha tibghat dawn id-dettalji; illi meta s-socjeta` konvenuta naqset li taghmel dan, is-socjeta` attrici baghtet telex ohra dokument F; illi fit-30 ta' Jannar, 1991 is-socjeta` konvenuta hassret in-negozju mas-socjeta` attrici kif jirrizulta mit-telex H, u ikkonkludiet in-negozju direttament mal-Korporazzjoni Enemalta tramite azienda tal-vapuri ohra; illi b'hekk is-socjeta` attrici stante li kienu appena ser jikkonkludu in-negozju ghandha dritt

ghall-kummissjonijiet u ghad-danni li hija sofriet; premess dan kollu s-socjeta` attrici talbet li l-Qorti tal-Kummerc ta' dak iz-zmien:-

1. tillikwida l-brokerage fees ossia "freight earnings" u l-kummissjoni dovuta fuq il-prodott li gie impurtat;
2. tikkundanna s-socjeta` konvenuta thallas dik is-somma hekk likwidata;
3. tiddikjara illi bl-agir taghha s-socjeta` konvenuta ikkawzat danni konsiderevoli lis-socjeta` attrici;
4. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici;
5. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas dawn id-danni.

Bl-ispejjes u bl-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

B'nota tal-4 ta' Ottubru, 1991 l-kuraturi deputati eccepew:-

1. Preliminarjament in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-Qrati Maltin.
2. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jaghtu eccezzjonijiet ulterjuri.
3. Fi kwalunkwe kaz, ghandhom jigu kjamati fil-kawza is-socjeta` estera Azmarine u l-Korporazzjoni Enemalta li kollha kienu parti fin-negozju in kwistjoni.

B'nota tas-7 ta' Jannar, 1992 s-socjeta` S. Mifsud & Sons Ltd li assumiet l-atti tal-kawza minflok il-kuraturi deputati eccepiet:-

1. Illi kemm it-talba kif ukoll il-hatra tal-kuraturi deputati hija nulla stante li min gie notifikat bil-bandi ma hux persuna li trid il-ligi.
2. Bla pregudizzju illi s-socjeta` estera, kif citata, qatt ma kellha u lanqas ma ghandha ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici; in fatti s-socjeta` li forsi seta' kellha xi relazzjoni kummercjali hija dik mgharufa bhala "Naftomar Shipping and Trading Co." Ghalhekk it-talbiet attrici, kif u kontra min proposti, huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li ma humiex il-legittimi kontradittri.
3. Bla pergudizzju ghall-premess, f'kas illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet jigu michuda, l-esponenti jeccepixxu ulterjorment illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li mhux minnu dak allegat mis-socjeta` attrici.

**<u>Is-sentenza appellata</u>.**

B'sentenza tal-31 ta' Mejju, 2000 l-Prim Awla tal-Qorti Civili, li in forza ta' l-Artikolu 32(2) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif sostitwit bl-Att XXIV ta' l-1995, assumiet responsabbilita` ghall-kawzi kollha kemm ta' natura civili kif ukoll kummercjali, iddisponiet minn din il-kawza billi fil-kliem testwali tas-sentenza: "tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u:

1. tillikwida l-*brockerage fee* jew kummissjoni dovuta fuq il-prodott li gie impurtat meritu ta' din il-kawza fl-ammont ta' US$7262 li bir-rata medja tal-gurnata meta qieghdha tinghata din is-sentenza ta' 2.2877 ghal kull Lira Maltija tammonta ghal LM3174.
2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma hekk likwidata bl-imghax legali millum bl-ispejjes kollha ta' din il-kawza.", u dan wara li osservat:-

"*Id-danni konsiderevoli msemmija fic-citazzjoni ma gewx ippruvati u ghalhekk il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' din it-talba. Gie invece ppruvat, fil-fehma ta' din il-Qorti minghajr ombra ta' dubbju, l-intervent determinanti li ghamlet is-socjeta` attrici biex dan in-negozju jsehh.*"

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghahekk fid-19 ta' Gunju, 2000 ppresentat rikors quddiem din il-Qorti fejn, ghar-ragunijiet hemm moghtija, talbet li s-sentenza appellata tigi riformata fis-sens li filwaqt li tigi konfermata fil-parti taghha fejn cahdet l-ahhar tlett talbiet tas-socjeta` attrici tichad ukoll l-ewwel zewg talbiet taghha biex b'hekk it-talbiet kollha tas-socjeta` attrici jigu michuda u l-eccezzjoniji tas-socjeta` konvenuta tigi milqugha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici.

Is-socjeta` attrici fir-risposta taghha tat-28 ta' Gunju, 2000 talbet li l-appell jigi rigettat bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari tar-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta jidher li l-ilment taghha huwa indirizzat lejn d-dritt tas-socjeta` attrici appellata ghal kumpens ghall-prestazzjonijiet taghha fin-negozju tax-xiri tal-gas li l-Enemalta akkwistat ghal habta ta' Jannar 1991 minghand is-socjeta` Naftomar Trading and Shipping Co. Ltd. Dan l-aggravju ghalhekk jikkoncerna biss it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta fejn jinghad espressament li "*it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li mhux minn dak allegat mis-socjeta` attrici.*"

Fir-rikors ta' l-appell saret enfazi dwar l-operat tas-socjeta` attrici appellata f'dan in-negozju partikolari u qed jinghad li l-intromissjoni tas-socjeta` appellata kien jammonta biss ghas-semplici introduzzjoni tax-xerrej mal-venditur filwaqt li l-istess socjeta` ma' kellha ebda sehem fin-negozjati li effettivament waslu ghall-konkluzzjoni tal-kuntratt bejn l-Enemalta u s-socjeta` estera.

F'dan ir-rigward l-ewwel qorti ma kellha ebda dubbju dwar il-partecipazzjoni tas-socjeta` attrici meta qalet li "Gie invece ppruvat, fil-fehma ta' din il-Qorti **minghajr ombra ta' dubbju,** l-intervent determinanti li ghamlet is-socjeta` attrici biex dan in-negozju jsehh." Dak li qed titlob is-socjeta` konvenuta minn din il-Qorti huwa apprezzament mill-gdid tal-fatti rizultanti quddiem l-ewwel qorti u liema fatti wasslu lil dik il-qorti ghall-konkluzzjoni fuq riportata. Wara li ezaminat l-provi prodotti u hadet in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet tal-kontendenti din il-Qorti ma tarax il-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel qorti li jidhru gustifikati.

Jigi rilevat inoltre li hawn mhux qed nitkellmu dwar xiri u bejgh ta' proprjeta` immobiljari f'Malta fejn l-partecipazzjoni tas-sensal fit-trattativi ta' bejn il-partijiet hija mehtiega u determinanti biex dawn jaslu f'akkordju dwar il-prezz u kondizzjonijiet tal-akkwist. L-offerta li kienet saret mill-Korporazzjoni Enemalta bil-Fax tal-15 ta' Jannar 1991, kienet tirrikjedi l-provvista ta' "gas" minn socjeta` estera li neccessarjament tinnegozja jew tipprovdi tali prodott. Il-prezz ta' dan il-prodott huwa, in gran parte,

stabbilit mis-suq internazzjonali indipendentement mill-volonta` tal-kontraenti u inoltre huwa suxxettibbli ghal diversi konsiderazzjonijiet fix-xena politika internazzjonali. Dan huwa rifless fix-xhieda ta' Tarcisio Mifsud li jsemmi l-htiega ta' provvista ulterjuri u immedjata ta' dan il-prodott minhabba l-gwerra fil-Golf Gharbi. Infatti mix-xhieda ta' Tarcisio Mifsud jidher li l-intervent tas-socjeta` attrici kien mehtieg meta rrizulta li l-provvista li kellha issir mis-socjeta` S. Mifsud & Sons bil-kuntratt tal-4 ta' Jannar, 1991, kienet ser tittardja. Kien ghalhekk li l-Enemalta regghet avvicinat lis-socjeta` Naftomar li kienet originarjament introdotta mis-socjeta` attrici, "*biex naraw jekk kienux lesti li jbieghawlna prompt cargo li jasal Malta sal-31 ta' Jannar, 1991 u konna ikkonkludejna man-Naftomar ...*" Jigi rilevat fir-rigward li ghalkemm f'zewg okkazzjonijiet precedenti u cioe` dak tal-4 ta' Jannar, 1991 u dak tad-19 ta' Jannar, 1991, s-socjeta` S. Mifsud & Sons kienet ittenderjat u effettivament is-socjeta` minnha rappresentata kienet giet moghtija l-kuntratti ghall-provvista tal-gas, biss, fiz-zewg okkazzjonijiet din is-socjeta` kienet qed tirrapresenta socjeta` ohra u mhux in-Naftomar. Kien ghalhekk relevanti dak li qal Tarcisio Mifsud fix-xhieda tieghu *"Nispjega li kieku l-offerta tan-Naftomar ma waslitx minghand Sullivan fit-22 ta' Jannar, 1991 <u>ma konniex nikkuntatjaw lil-Naftomar u naturalment isir il-kuntratt fl-erba' u ghoxrin ta' Jannar elf disa' mija u wiehed u disghin</u>."* (sottolinear tal-qorti). Dan juri li s-socjeta` attrici kienet strumentali biex is-socjeta` Naftomar tinghata l-kuntratt ghall-provvista tal-merkanzija in kwistjoni.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------